Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/201

12.1.2024

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/201

## tal-10 ta' Jannar 2024

## li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1954 fir-rigward tal-istandards armonizzati għas-sistemi mekkaniċi remoti tal-istering, għas-sistemi tal-fjuwil installati b'mod permanenti u għas-sistemi tal-istering idrawliċi u remoti

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(6) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 14 tad-Direttiva 2013/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), il-prodotti li jkunu konformi ma' standards armonizzati jew ma' partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma preżunti konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2013/53/UE u fl-Anness I ta' dik id-Direttiva meta jkunu koperti minn dawk l-istandards jew minn partijiet minnhom.

(2) Bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2015) 8736 ([3]), il-Kummissjoni talbet lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN) u lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika (Cenelec) għall-abbozzar u għar-reviżjoni tal-istandards armonizzati b'appoġġ għad-Direttiva 2013/53/UE (it-"talba"). L-istandards armonizzati mitluba kellhom jindirizzaw ir-rekwiżiti essenzjali iktar stretti stabbiliti fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2013/53/UE u fl-Anness I ta' dik id-Direttiva, meta mqabbla mad-Direttiva 94/25/KE mħassra tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]).

(3) Abbażi tat-talba, is-CEN irreveda l-istandards armonizzati li ġejjin, li r-referenzi tagħhom huma ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1954 ([5]): EN ISO 8848:2017 dwar sistemi remoti tal-istering għal inġenji żgħar, EN ISO 10088:2017 dwar sistemi tal-fjuwil installati b'mod permanenti u EN ISO 10592:2017 dwar sistemi tal-istering idrawliċi għal inġenji żgħar. Dan irriżulta fl-adozzjoni tal-istandards armonizzati EN ISO 8848:2022, EN ISO 10088:2023 u EN ISO 10592:2022 rispettivament.

(4) Il-Kummissjoni, flimkien mas-CEN, ivvalutat jekk l-istandards armonizzati EN ISO 8848:2022, EN ISO 10088:2023 u EN ISO 10592:2022 jikkonformawx mat-talba.

([1]) ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/1025/oj.

([2]) Id-Direttiva 2013/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar id-dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni u l-inġenji tal-ilma personali u li tħassar id-Direttiva 94/25/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 90, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2013/53/oj).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8736 tal-15 ta' Diċembru 2015 fuq talba ta' standardizzazzjoni lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni u lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika dwar id-dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni u l-inġenji tal-ilma personali b'appoġġ għad-Direttiva 2013/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar id-dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni u l-inġenji tal-ilma personali u li tħassar id-Direttiva 94/25/KE.

([4]) Id-Direttiva 94/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 1994 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mad-dgħajjes illi jintużaw għar-rikreazzjoni (ĠU L 164, 30.6.1994, p. 15, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1994/25/oj).

([5]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1954 tal-12 ta' Ottubru 2022 dwar standards armonizzati għall-inġenji li jintużaw għar-rikreazzjoni u għall-inġenji tal-ilma personali abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2013/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 269, 17.10.2022, p. 20, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2022/1954/oj).

(5) L-istandards EN ISO 8848:2022, EN ISO 10088:2023 u EN ISO 10592:2022 jissodisfaw ir-rekwiżiti li għandhom l-għan li jkopru, u li huma stabbiliti fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2013/53/UE, kif ukoll fil-Parti A tal-Anness I ta' dik id-Direttiva. Għalhekk jixraq li r-referenza ta' dawk l-istandards tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(6) L-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1954 jipprovdi r-referenzi tal-istandards armonizzati li jikkonferixxu preżunzjoni ta' konformità mad-Direttiva 2013/53/UE. Sabiex jiġi żgurat li r-referenzi tal-istandards armonizzati abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2013/53/UE jiġu elenkati f'att wieħed, jenħtieġ li r-referenzi tal-istandards armonizzati EN ISO 8848:2022, EN ISO 10088:2023 u EN ISO 10592:2022 jiġu inklużi f'dak l-Anness.

(7) Jeħtieġ li r-referenzi tal-istandards armonizzati EN ISO 8848:2017, EN ISO 10088:2017 u EN ISO 10592:2017 jiġu rtirati minn *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, peress li ġew sostitwiti b'EN ISO 8848:2022, b'EN ISO 10088:2023 u b'EN ISO 10592:2022 rispettivament. Għalhekk jixraq li dawk ir-referenzi jitħassru mill-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1954.

(8) Għaldaqstant jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1954 tiġi emendata skont dan.

(9) Sabiex il-manifatturi jingħataw biżżejjed żmien biex jadattaw il-prodotti tagħhom għall-verżjoni riveduta tal-istandards armonizzati EN ISO 8848:2017, EN ISO 10088:2017 u EN ISO 10592:2017, jeħtieġ li l-irtirar tar-referenzi ta' dawk l-istandards jiġi differit.

(10) Il-konformità ma' standard armonizzat tikkonferixxi preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali korrispondenti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni mid-data tal-pubblikazzjoni tar-referenza ta' tali standard f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għalhekk, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1954 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-punt (1) tal-Anness għandu japplika mit-12 ta' Lulju 2025.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Jannar 2024.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS*

L-Anness I mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1954 huwa emendat kif ġej:

(1) jitħassru r-ringieli 13, 18 u 21;

(2) ir-ringieli li ġejjin jiddaħħlu f'ordni sekwenzjali:

| Nru | Referenza tal-istandard |
|---|---|
| "13a. | EN ISO 8848:2022<br>Inġenji żgħar – Sistemi mekkaniċi remoti tal-istering |
| 18a. | EN ISO 10088:2023<br>Inġenji żgħar – Sistemi tal-fjuwil installati b'mod permanenti |
| 21a. | EN ISO 10592:2022<br>Inġenji żgħar – Sistemi tal-istering idrawliċi u remoti" |